

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi – Interpretazzjoni tal-Artikoli 203 u 204 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), tal-Artikoli 356(1) u 859(2)(ċ) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3) u tal-Artikolu 7 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23) – Oltrepassar tat-terminu, stabbilit mill-uffiċċju ta' tluq, sabiex il-merkanzija tiġi ppreżentata quddiem l-uffiċċju ta' destinazzjoni, li jimplika t-tneissil kundizzjonali ta' dejn doganali fuq l-importazzjoni u mhux it-tneissil awtomatiku tiegħu – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud – Tranżazzjonijiet taxxabbli – Kunċett ta' importazzjoni

Dispożittiv

- 1) L-Artikoli 203 u 204 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' April 2005, moqrija flimkien mal-Artikolu 859(2)(ċ) tar-Regolament (KEE) tal-Kummissjoni, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 444/2002, tal-11 ta' Marzu 2002, għandhom jiġu interpretati fis-sens li s-sempliċi skadenza tat-terminu ta' preżentazzjoni, stabbilit skont l-Artikolu 356(1) tar-Regolament Nru 2454/93, kif emendat bir-Regolament 444/2002, ma twassalx għal dejn doganali minħabba t-tneħħija tal-merkanzija kkonċernata mis-sorveljanza doganali, fis-sens tal-Artikolu 203 tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 648/2008, iżda għal dejn doganali bbażat fuq l-Artikolu 204 ta' dan l-aħħar regolament u li ma hemmx bżonn, sabiex dejn doganali jitnissel abbażi ta' dan l-Artikolu 204, li l-persuni kkonċernati jipprovdvu lill-awtoritajiet doganali informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-iskadenza tat-terminu stabbilit skont l-Artikolu 356 tar-Regolament Nru 2454/93, kif emendat bir-Regolament Nru 444/2002, jew dwar il-lokalizzazzjoni tal-merkanzija matul il-perijodu li għadda bejn l-iskadenza ta' dan it-terminu u l-preżentazzjoni effettiva ta' din il-merkanzija lill-uffiċċju doganali ta' destinazzjoni
- 2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7(3) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/66/KE, tas-26 ta' April 2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-taxxa fuq il-valur miżjud hija dovuta meta l-merkanzija kkonċernata tkun ħarġet mill-proċeduri doganali previsti f'dan l-artikolu, anki jekk dejn doganali jitnissel esklużivament fuq il-bażi tal-Artikolu 204 tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 648/2005.

(¹) ĠU C 26, 26.01.2013

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Mejju 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – Il-Pajjiżi l-Baxxi) – T.C. Briels et vs Minister van Infrastructuur en Milieu

(Kawża C-521/12) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ambjent — Direttiva 92/43/KEE — Artikolu 6(3) u (4) — Konservazzjoni tal-habitats naturali — Żoni speċjali ta' konservazzjoni — Evalwazzjoni tal-effetti ta' pjan jew ta' proġett fuq sit protett — Awtorizzazzjoni għal pjan jew għal proġett fuq sit protett — Miżuri kumpensatorji — Sit Natura 2000 “Vlijmens Ven, Moerputten & Bossche Broek” — Proġett tar-rotta tal-awtostrada A2 “s-Hertogenbosch-Eindhoven)

(2014/C 212/07)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: T. C. Briels, M. Briels-Loermans, R. L. P. Buchholtz, Stichting A2-Platform Boxtel e.o.et, H. W. G. Cox, G. P. A. Damman, P. A. M. Goevaers et, J. H. van Haaren, L. S. P. Dijkman, R. A. H. M. Janssen, M. M. van Lanschot, J. E. A. M. Lelijveld et, A. Mes et, A. J. J. Michels, VOF Isphording et, M. Peijnenborg, S. Peijnenborg-van Oers, G. Oude Elferink, W. Punte, P. M. Punte-Cammaert, Stichting Reinier van Arkel, E. de Ridder, W. C. M. A. J. G. van Rijckevorsel, M. van Rijckevorsel-van Asch van Wijck, Vereniging tot Behoud van het Groene Hart van Brabant, Stichting Boom en Bosch, Stichting Overlast A2 Vught e.o., Streekraad Het Groene Woud en De Meijerij, A. C. M. W. Teulings, Stichting Bleijendijk, M. Tilman, Vereniging van Eigenaars Appartementengebouw De Heun I et, M. C. T. Veroude, E. J. A. M. Widlak, Van Roosmalen Sales BV et, M. A. A. van Kessel, Bricorama BV et.

Konvenut: Minister van Infrastructuur en Milieu

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Raad van State – Interpretazzjoni tal-Artikolu 6(3) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Meju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102) – Awtorizzazzjoni għal pjan jew għal proġett fuq sit protett – Kundizzjonijiet – Kunċett “ta’ affettwar ħażin tal-integrità tas-sit konċernat”.

Dispożittiv

L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Meju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, għandu jiġi interpretat fis-sens li pjan jew proġett li ma huwiex direttament marbut jew neċessarju għat-tmexxija ta' sit ta' importanza Komunitarja, li għandu effetti negattivi fuq tip ta' habitat naturali preżenti fuq dan tal-aħħar u li jipprevedi miżuri għall-iżvilupp ta' medda ta' daqs identiku jew superjuri ta' dan it-tip ta' habitat fuq dan is-sit, jaffettwa l-integrità tal-imsemmi sit. Jekk ikun il-każ, tali miżuri ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala “miżuri kumpensatorji”, fis-sens tal-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu, ħliet sa fejn ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

(¹) ĠU C 55, 23.02.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Meju 2014 – 1. garantovaná a.s. vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-90/13 P) (¹)

(Appell — Kompetizzjoni — Regolament (KE) Nru^o1/2003 — Akkordji — Kalkolu tal-ammont tal-multa — Dħul mill-bejgħ totali magħmul matul is-sena finanzjarja preċedenti)

(2014/C 212/08)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: 1. garantovaná a.s (rappreżentanti: K. Lasok QC, J. Holmes u B. Hartnett, barristers, O. Geiss, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Vecchi u N. Khan, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla), tat-12 ta' Diċembru 2012, 1. garantovaná vs Il-Kummissjoni (T-392/09) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 tat-Trattat KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.396 – Reaġenti bbażati fuq il-karbur tal-kalċju u l-manjesju għall-industrija tal-azzar), li tikkonċerna akkordju fis-suq tat-trab u tal-granulat tal-karbur tal-kalċju, kif ukoll fis-suq tal-granulat tal-manjesju f'parti kunsidervoli taż-ŻEE, li jirrigwarda l-iffissar tal-prezzijiet, it-tqassim tas-swieq u l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq l-appellanti – Kalkolu tal-multa – Limitu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ – Dħul mill-bejgħ rilevanti